MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2011

Rikors Numru. 499/2009

**Wara l-ittra ufficcjali Nru 6348/2009 fl-ismijiet:-**

**Kummissarju tat-taxxi Interni**

**Vs**

**Bernard Manduca**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Bernard Manduca nhar il-11 ta' Dicembru 2009 fejn espona s-segwenti:-

*1. "Illi dan ir-rikors qed isir ai termini tal-**Artikolu 466 (2)** tal-Kap XII tal-Ligijiet ta' Malta.*
*2. Illi l-esponenti gie notifikat bl-ittra ufficcjali tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li permezz taghha talab il-hlas ta' tmien mija w sitta w ghoxrin Ewro u tlieta w disghin centezmu (€826.93) rapprezentanti likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa fuq dokumenti u trasferimenti.*

3. *Illi l-esponenti jichad li huwa debitur fl-ammont imsemmi tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dan kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors*."

Ghaldaqstant talab lil din l-Onorabbli Qorti "*tiddikjara bhala infondati fil-fatt u fid-dritt it-talbiet tal-Kummissarju intimat u tghaddi sabiex tichad l-istess talbiet tieghu bl-ispejjez.*"

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Dicembru 2009 fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimat.

Rat ir-risposta tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni prezentata fl-atti nhar il-11 ta' Frar 2010 fejn espona s-segwenti:

"*Illi in linea preliminari u bir-rispett dovut, din l-Onorabbli Qorti mhiex vestita bil-komptenza li tissindika l-quantum tal-likwidazzjoni finali u konklussiva rapprezentanti taxxa u taxxa addizzjonali kif qieghed jippretendi r-rikorrenti fir-rikors promotur, liema sindakar jista' jsir biss a tempo debito skond il-procedura stipulata fil-kap 364 u cioe' tramite Appell lit-tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva minn Avviz tar-Rifjut ta' Oggezzjoni ta' l-esponent fi zmien tletin (30) gurnata skond l-artikolu 58 tal-Kap 364 u Appell lill-Qorti ta' l-Appell fi zmien tletin (30) gurnata ai termini ta' l-artikolu 59 ta' l-imsemmi Att.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa u taxxa addizjonali fuq dokumenti u trasferimenti ai termini tal-kap 364 tal-ligijiet ta' Malta hija gusta u skond il-ligi u dovuta mir-rikorrent fl-intier taghha.*

*Salv ecezzjonijiet ultejuri."*

Ghaldaqstant talab li din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2010 deher Dr. Chris Grima ghar-rikorrenti li nforma lill-Qorti li hemm possibilta' ta' transazzjoni w li l-klijent tieghu kien iltaqa' mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u kien hemm il-possibilta' li l-pendenza odjerna tigi transatta.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' April 2010 deher Dr. Chris Grima ghar-rikorrenti Bernard Manduca li nforma lill-Qorti li l-possibilta' ta' transazzjoni ghadha possibbli.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2010 dehret Dr. Marvic Sciberras Abdilla ghal-intimat li nformat lill-Qorti li kien ghad hemm possibilta ta' transazzjoni.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2010 dehru l-avukati tal-partijiet. Dr. Chris Grima ghar-rikorrenti nforma lill-Qorti li t-transazzjoni msemmija fill-verbali precedenti ma sehhitx u li l-kawza giet differita ghall-provi kollha tar-rikorrenti Bernard Manduca.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2010 deher Dr. Chris Grima ghar-rikorrenti li nforma l-Qorti li l-patrocinat tieghu kien ghamel xi pagament. Dehret ukoll Dr. Sarah Vassallo ghall-intimat u Ivan Portelli in rappresentanza tal-istess intimate, u l-kawza giet differita ghall-probabbi cessjoni.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2010 dehru l-avukati tal-partijiet li nformaw lill-Qorti li ghad hemm possibilta' ta' transazzjoni.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Frar 2010 dehret Dr. Sarah Vassallo ghall-intimat li nformat lill-Qorti li ma saru l-ebda pagamenti ohra, w li kellha tipprezenta nota ta' riduzzjoni, w li l-kawza giet differita ghall-eghluq tal-provi tar-rikorrenti bl-intendiment li jekk l-intimat ma jidhirx fis-seduta li jmiss il-kawza tmur ghas-sentenza.

Rat in-nota tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni prezentata fl-atti nhar il-15 ta' Marzu 2011.

Illi fis-seduta tat-28 ta' April 2011 r-rikorrenti u l-avukat tieghu ma dehrux, dehret biss Dr. Sarah Vassallo ghall-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni li talbet li l-kawza tithalla ghas-sentenza.

**Ghaldaqstant din il-Qorti rat li r-rikorrenti ma ressaq l-ebda prova in sostenn tat-talba tieghu u ghalhekk il-Qorti tiddikjara li ma rnexxilux jipprova dak li allega fir-rikors promotur tieghu, u konsegwentement qieghda tichad it-talba rikorrenti billi tilqa' r-risposta tal-intimat.**

**Spejjez a karigu tar-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------